

31981D0675

29.8.1981

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 246/26

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Lulju 1981

li tistabbilixxi li ċerti sistemi ta' sigilliar huma "sistemi li ma jistgħux jergħu jintużaw" skond it-tifsira tad-Direttivi tal-Kunsill 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE

(81/675/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ta' sigilliar tkun tinkludi jew it-tikketta uffiċjali preskritta jew siġill uffiċjali;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi dawn il-miżuri mhumiex meħtieġa jekk tintuża sistema li ma tistax terġa' tintuża darb' oħra;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/400/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa tal-pitravi ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 78/692/KEE ⁽²⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi fl-interessi ta' l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet rilevanti Komunitarji, għandu jiġi stabbilit li ċerti sistemi ta' sigilliar preżenti huma "sistemi li ma jistgħux jergħu jintużaw";

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa tal-pitravi għall-għalf ⁽³⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 81/126/KEE ⁽⁴⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi huwa mifhum li s-sistema li hija preżentement użata eskklusivament fil-każ taż-żerriegħa taċ-ċereali hija waħda li l-użu tagħha għandu juri tendenza għal tnaqqis b' mod li jiffavorixxi sistemi ġodda li joffru garanziji ikbar ta' effikaċja, u li għandha terġa' tiġi kkunsidrata wara ħames snin;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa taċ-ċereali ⁽⁵⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 81/126/KEE, u b' mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal Propogattiv għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE tat-30 ta' Ġunju 1969 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ⁽⁶⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 81/126/KEE, u b' mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/458/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa veġetali ⁽⁷⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 80/1141/KEE ⁽⁸⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 25(1) tagħha,

1. Qiegħed b'dan jiġi stabbilit li s-sistemi ta' sigilliar tal-pakketti li ġejjin huma "sistemi ta' siġilli li ma jistgħux jergħu jintużaw" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 66/400/KEE, l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 66/401/KEE, l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 69/208/KEE u l-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 70/458/KEE:

Billi, skond id-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, pakketti ta' żerriegħa għandhom normalment jiġu ssiġillati b' mod li s-sistema

(a) basktijiet tal-karti jew tal-plastik, sakemm dawn ma jkollhom ebda fetħa għajr dik il-parti minn fejn jimtlew u sakemm il-metodu ta' kif jimtlew ikun jikkonsisti f'sistema li biha jeħlu waħedhom jew ta' sigilliar bis-sħana li tagħlaq wara l-mili b' mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu mingħajr ma ssirilhom ħsara;

(b) basktijiet ta' materjal mhux minsuġ, li jingħalqu bil-ponti ta' ħjata, sakemm ikun hemm, mill-inqas f'naħa waħda tal-fetħa, timbru li ma jitħassarx ta' skeda bin-numri, li tibda bin-numru 1 fit-tarf ta' fuq, jew timbru simili (ittri, disinn), li juri li l-basktijiet żammu d-dimensjonijiet oriġinali tagħhom.

(1) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2290/66.

(2) ĠU L 236, tas-26.8.1978, p. 13.

(3) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.

(4) ĠU L 67, tat-12.3.1981, p. 36.

(5) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2305/66.

(6) ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, p. 3.

(7) ĠU L 225, tat-12.10.1970, p. 7.

(8) ĠU L 341, tas-16.12.1980, p. 27.

2. Huwa wkoll b'dan stabbilit li s-sistemi ta' siġill tal-paketti li ġejjin, flimkien ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 1, għadhom fil-preżent meqjusa bħala "sistemi ta' siġill li ma jistgħux jerġgħu jintużaw" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 66/402/KEE:

Basktijiet tal-karti jew tal-plastik, sakemm dawn ma jkollhom ebda fetħa ħlief dik tal-metodu minn fejn jimtlew, sakemm jin-għalqu bil-prensa fuq fejn jimtlew tat-toqol taż-żerriegħa mimlijin biha u sakemm it-tul ta' dak il-fetħa mhux inqas minn 22 % tal-wisa' tal-basket.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1981.

Għall-Kummissjoni

Gaston THORN

Il-President